MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2006

Rikors Numru. 9/1992/1

Rikors Nru: 9/1992

Kummissarju ta' l-Artijiet

vs

Joseph Zarb

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Kummissarju ta' l-Artijietipprezentat fl-14 ta' Dicembru 1992 fejn espona:

Illi b'ittra ufficjali tal-4 ta' Awissu, 1992 l-intimat gie notifikat li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas bhala kumpens argikolu konsegwenzjali ghall-esproprijazzjoni ta' bicca art imqabbla lilu fl-Imqabba tal-kejl ta' sitt elef tliet mija u erbatax-il metru

kwadru (6314m.k.) li tmiss mix-Xlokk u mil-Lbic ma' triq pubblika u mill-grigal ma' proprjeta' tal-Kapitolu tal-Kattidral tal-Imdina huwa ta' mitejn u tnejn u hamsin lira Maltija (Lm252.00.0)

Illi l-intimat naqas illi jirrispondi formalment ghall-ittra ufficjali fuq imsemmija.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jiffissa kumpens relattiv, skond l-Artikolu 21(1) tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kapitolu 88).

Ra li l-intimat ma wiegibx fiz-zmien moghti mill-Ligi. Imma b'xi mod gew mahtura periti teknici li lahqu ghamlu r-rapport taghhom. Fl-ahhar mill-ahhar dan ma jbiddel xejn ghax il-kumpens xieraq stabbilit mill-periti jaqbel ezatt ma' dak li offra r-rikorrent u li darba l-intimat kien accetta. Sfortunatament ma ntalahaq l-ebda ftehim bejn il-partijiet u l-Bord ma jistax ihalli rikorsi jingiebu ghax ma jsir xejn.

Il-Bord jiffissa l-ammont dovut lill-intimtat bhala kumpens agrikolu fis-somma ta' mitejn u tnejn u hamsin lira Maltija li ghandhom jithallsu fi zmien tlett (3) xhur millum, l-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------